# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Avviz  numru  356/01mm**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Duncan Robert Petroni**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm424.52) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 451989 (skond kif jirrizulta mill-anness 'statement' Dok A) liema servizz gie nstallat fil-fond numru 'Meadowvale', Triq ta' Xmiexi, Msida, u dana skond ma kif jidher mill-anness 'service agreement' dok B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz, ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Novembru, 1999, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-28 ta' Mejju, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg.